6. *Kompetizzjoni — Pożizzjoni dominanti — Eżistenza — Żamma ta' parti kbira mis-suq — Indizju insuffiċjenti (Artikolu 82 KE) (ara l-punt 79)*

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 4125, tal-20 ta' Mejju 2009, li tiċħad l-ilment COMP/C-3/39.391, dwar allegat ksur tal-Artikoli 81 u 82 KE mill-kumpanniji Hewlett Packard, Lexmark, Canon u Epson fis-swieq tal-cartridges tal-linka.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-European Federation of Ink and Ink Cartridge Manufacturers (EFIM) għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

3) Lexmark International Technology SA għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Novembru 2011 — Saupiquet vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-131/10)

"Dazju doganali — Rimbors tad-dazju fuq l-importazzjoni — Tonn ippreżervat li joriġina mit-Tajlandja — Kwota tariffarja — Data ta' ftuħ — Il-Ħadd — Eżawriment tal-kwota — Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità — Artikoli 308a sa 308ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 — Regolament (KE) Nru 975/2003"

1. *Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — Destinazzjonijiet doganali — Ċirkulazzjoni libera — Amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji — Kwota tariffarja miftuħa f'Ħadd, jum li fih l-uffiċċji doganali ta' Stat Membru jkunu magħluqa, u eżawrita fl-istess jum — Esklużjoni, tal-kwota tariffarja eżawrita, ta' operatur stabbilit f'dan l-Istat Membru — Ammissibbiltà (Regolament tal-Kunsill Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament Nru 2700/2000, Artikolu 239; Regolament tal-Kummissjoni Nru 2454/93, kif emendat bir-Regolament Nru 214/2007, Artikoli 308a sa 308ċ) (ara l-punti 27, 28)*

2. *Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — Destinazzjonijiet doganali — Ċirkulazzjoni libera — Amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji — Esklużjoni ta' importatur tal-Unjoni minn kwota tariffarja miftuħa f'Ħadd, minħabba li l-uffiċċji doganali tal-Isat Membru ta' dan l-importatur ikunu magħluqa nhar ta' Ħadd — Ksur mill-Kummissjoni tal-obbligu li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa biex tiżgura l-aċċess ugwali u nondiskriminatorju għall-kwota tariffarja — Assenza (Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 20 u 21; Regolamenti tal-Kunsill Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament Nru 2700/2000, Artikoli 247 u 247a, u Nru 975/2003, Artikolu 7; Regolament tal-Kummissjoni Nru 2454/93, kif emendat bir-Regolament Nru 214/2007, Artikoli 308a sa 308ċ) (ara l-punti 30-32, 35-38, 43-45)*

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 10005 finali, tas-16 ta' Diċembru 2009, li tikkonstata li ma huwiex iġġustifikat li r-rikorrenti tingħata rimbors għad-dazju fuq l-importazzjoni għat-tonn ippreżervat li joriġina mit-Tajlandja.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Saupiquet hija kkundannata għall-ispejjeż.